**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 23 ta' April 2025**

**Rikors nru ; 148 /2025 AGV**

**FL-Ismijiet:**

**OC**

**U**

**MB**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors ta' OC u MC**

Jesponu bir-rispett u bil-gurament qeghdin jiddikjaraw;

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar l-Ghoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa mija u disghin (20/11/1999) gewwa l-Knisja Parrokjali Madonna ta' Fatima Gwardamangia Malta (kopja tac-certifikat taz-zwieg qed jigi anness u mmarkat bhala DOK. A)

2. Illi minn dan iz-zwieg ma tnisslux tfal;

3. Illi l-partijiet ilhom separati de facto sa mis-sena elfejn u sitta (2006) mentri huma ilhom separti de jure ta' kuntratt ta' separazzjoni datati t-Tlettax ta' Marzu tas-sena Elfejn u Hamsa u Goxrin (13/03/2025) li gie awtorizzat minn din L-Onorabbli Qorti u jinsab fl-Atti tan-Nutar Dr Francesca Micallef Sammut (kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni qed jigi anness u mmarkat bhala DOK B);

4. Iili ghaldaqstant m`hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illu huma ghandhom hajja kompletament separata minn xulxin ;

5. **Illi l-Partijiet jghixu hajja totalment separata minn xulxin u illum il-guranat ghandhom il-hajja taghhom u ghaldaqstant ma tezisti l-ebda possibilita ta rikonciljazzjoni;**

6. Illi **m`hemm ebda manteniment dovut;**

7. **<u>Illi l-Mara tixtieq li tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe 'B';</u>**

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw ir-rekwiziti mehtiega ghall-ksib ta divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16) tal-Ligijiet ta Malta;

9. Illi ma dan ir-rikors qed jigi anness (l-Affidavit tal-Esponenti nfushom annessi bhala DOK.C U DOK.D);

**Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-Esponent umilment qed jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:**

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar l-Ghoxrin ta' Novembru tas-sena Elf Disa mija u disa u disghin (20/11/1999) gewwa l-Knisja Parrokkjali Madonna ta' Fatima Gwardamangia;

2. **Tawtorizza lill-Mara sabiex tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe 'B';**

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli mill-istess Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku;

**u dan taht il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li huma xierqa u opportuni**

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat illi r-rikorrenti MC kienet irrivertiet ghal kunjomha xebba fil-kuntratt ta' separazzjoni, esebit in atti, u ghalhekk ordnat li r-rikors jigi korrett billi l-kunjom tar-rikorrenti jigi jaqra 'B ' u mhux 'C'.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar l- 20 ta' Novembru 1999**

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba, stante li kunjom ir-rikorrenti gie korrett seduta stante, wara li kien gie indikat fl-istess kuntratt ta' separazzjoni, esebit in atti.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**